**Għaliex il-Kummissjoni Ewropea fl-2022 ippubblikat proposti biex jissaħħu 'L-Istandards għall-Korpi tal-Ugwaljanza'?**

Il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat żewġ proposti dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza biex tiżgura li l-membri kollha tas-soċjetà fl-Istati Membri jgawdu minn livell minimu komuni ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni.

**Dawn l-istandards jiżguraw li l-korpi tal-ugwaljanza jiġu kkonsolidati permezz ta':**

- Garanziji aktar b'saħħithom tal-**indipendenza** tagħhom
- **Setgħat** adegwati biex jilħqu l-għanijiet tagħhom ta' ugwaljanza sħiħa
- **Mandati** usa' għall-protezzjoni aktar komprensiva mid-diskriminazzjoni
- **Riżorsi** adegwati għall-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, inkluża l-assistenza lill-vittmi
- Standards ogħla biex tiġi żgurata **aċċessibbiltà** sħiħa għal kulħadd



NCPE

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE)

Gattard House, National Road, Blata l-Bajda HMR 9010

2276 8200

equality@gov.mt

www.ncpe.gov.mt

NCPE.Malta

# L-Istandards għall-Korpi tal-Ugwaljanza



### X'inhuma l-korpi tal-ugwaljanza?

Il-korpi tal-ugwaljanza huma istituzzjonijiet indipendenti mwaqqfa madwar l-Ewropa u f'partijiet oħra tad-dinja sabiex jippromwovu l-ugwaljanza u jindirizzaw id-diskriminazzjoni.



### L-irwol tagħhom huwa:

- definit fid-Direttivi tal-UE dwar id-dritt ta' trattament ugwali tal-individwi fis-soċjetà
- distint mill-gvernijiet nazzjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

### Għaliex għandna bżonn il-korpi tal-ugwaljanza?

Il-korpi tal-ugwaljanza jiżguraw li d-drittijiet tal-ugwaljanza jiġu rispettati u mwettqa fil-prattika għall-membri kollha tas-soċjetà.



### Il-korpi tal-ugwaljanza huma:

- ilħna awtorevoli dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fis-soċjetà
- fil-qalba tal-infrastruttura nazzjonali għall-ugwaljanza, fejn jikkooperaw mal-entitajiet u l-partijiet kollha interessati
- l-ewwel punt ta' kuntatt għall-vittmi tad-diskriminazzjoni, billi għandhom għarfien estensiv ta' kif id-diskriminazzjoni taffettwa lin-nies.

### Kif tista' l-NCPE, bħala l-korp tal-ugwaljanza, tgħin biex tissalvagwardja l-ugwaljanza f'Malta?

L-NCPE:

- Tinvestiga każijiet ta' diskriminazzjoni
- Tqajjem kuxjenza sabiex titrawwem kultura li tapprezza l-ugwaljanza u d-diversità
- Tipprovdi informazzjoni dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet relatati mal-ugwaljanza
- Tiżviluppa rikmandazzjonijiet dwar il-politiki varji tal-Gvern u għodod operattivi
- Twettaq studji ta' riċerka u tippubblika rapporti dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza
- Tikkollabora ma' diversi partijiet interessati biex trawwem prattiċi mhux diskriminatorji



### Liema oqsma ta' diskriminazzjoni huma koperti mill-NCPE?

L-NCPE taħdem sabiex tissalvagwardja l-ugwaljanza abbażi ta':

- Sess, responsabbiltajiet tal-familja, orjentazzjoni sesswali, età, reliġjon jew twemmin, razza jew oriġini etnika, identità tal-ġeneru, espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess fl-impieg, fl-edukazzjoni kif ukoll fil-banek u istituzzjonijiet finanzjarji;
- razza jew oriġini etnika u l-ġeneru fil-provvediment u l-aċċess ta' oġġetti u servizzi
- libertà tal-moviment għall-ħaddiema fl-UE.